MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 284/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Psaila**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Psaila talli fis-6 ta’ Awissu, 2002 ghal habta tat-8.30pm, gewwa l-*pitch* tal-Water Polo tan-Neptunes Club, San Giljan hebb ghal Kyra Mifsud u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. A. Spiteri M.D. tal-Gzira Health Centre;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Psaila hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ ghoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Psaila, minnu prezentat fis-19 ta’ Novembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2003; ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda incident li gara waqt loghba *water polo* tat-timijiet ta’ taht il-hmistax-il sena tas-Sliema u tan-Neptunes fil-kumpless tan-Neptunes f’San Giljan. F’hin minnhom il-partitarji tas-Sliema mill-post fejn kienu fuq il-bankina bdew jaghmlu hafna storbju, juzaw kliem offensiv fil-konfront tat-tijm oppost u tal-partitarji tieghu, u anke intefghu xi oggetti fid-direzzjoni tar-*referees*. L-appellant, li kien jkkupa l-kariga ta’ Segretarju Onorarju tas-Sliema ASC, tela’ mill-*pitch* ghal fejn kien hemm il-partitarji tat-tijm tieghu stess (jigifieri tas-Sliema) biex icanfarhom halli jgibu ruhhom sew. Sa hawnhekk ma jidhirx li hemm konflitt fil-provi. Kyra Mifsud, tfalja ta’ hmistax-il sena u li kienet qed tkanta u tghajjat mal-partitarji l-ohra shabha, tghid li f’hin minnhom l-appellant gibidha lura minn ghonqa minn qalb il-folla u beda jirrabja maghha u kecciha minn hemm. L-appellant, invece, jghid li bhala ufficjal tas-Sliema Acquatics Sports Club huwa kellu d-dover li jikkontrolla u jrazzan lill-partitarji tat-tijm tieghu; hu jghid li kullma ghamel kien li gibed lil din it-tfajla li kienet qed tixxabbat mal-hadid (*railings*) b’perikolu ghaliha stess, u canfarha biex iggib ruhha sew. Hu jghid li gibidha mhux minn ghonqa, kif qalet it-tfajla, izda mic-cinga ta’ barzakka zghira li hija kellha fuq daharha.

L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati tar-reat ta’ offiza volontarja hafifa skond l-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali. L-appellant ghandu zewg aggravji. Il-Qorti sejra tibda mit-tieni wiehed, li bazikament huwa fis-sens li ma hemmx prova tal-kwerela rikjesta skond is-subartikolu (4) tal-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali u li anke kieku kien hemm, kwerela ma tistax issir minn minuri. L-appellant m’ghandux ragun. Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, l-Artikolu 542 tal-Kodici Kriminali li jghid minn jista’ jaghmel kwerela f’isem haddiehor ma jeskludix li persuna taht l-eta` taghmel kwerela minghajr l-intervent tal-genituri

taghha. F’dan il-kaz, pero`, huwa veru li ma jirrizultax li saret kwerela; anzi l-appellant stess, fid-deposizzjoni tieghu, jghid li l-Pulizija kienu infurmawh li kien hemm “rapport” kontra tieghu, u ghalhekk mhux “kwerela”. B’dana kollu l-Pulizija Ezekuttiva setghet tipprocedi *ex officio* f’dan il-kaz skond il-proviso tal-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali, u cioe` peress li l-persuna offiza ma mexxietx l-azzjoni kriminali u ma rrinunzjatx espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem mid-data tar-reat. Ghalhekk dana t-tieni aggravju hu infondat.

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li hu b’ebda mod ma kellu l-intenzjoni li jikkaguna xi offiza fuq il-persuna ta’ Mifsud. L-appellant jikkontendi li kullma ghamel kien li pprova jrazzan lill-partitarji tat-tijm tieghu stess u pprova jzomm lil Mifsud in partikolari milli twegga’ lilha nnifisha. A propositu ta’ dana l-aggravju din il-Qorti tosserva li ufficjali ta’ timijiet, ghalkemm ghandhom id-dover li, safejn hu possibbli, jrazznu l-imgieba hazina tal-partitarji taghhom, ma ghandhom qatt johorgu barra mill-qies (Art. 339(1)(h), Kap. 9), u anqas hu desiderabbli li huma hu jassolvu dan id-dover taghhom b’xi mod imissu – jigifieri li jkun hemm kuntatt fiziku – lil dawn il-partitarji. Tali kuntatt fiziku jista’ facilment, specjalment f’mumenti ta’ tensjoni u rabja, jiddegenera fir-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Issa, mill-kumpless tal-provi din il-Qorti ma tarax li l-ewwel qorti setghet ragonevolment tikkonkludi li l-appellant volontarjament, ossia dolosament, ikkaguna offiza fuq il-persuna tal-minuri Mifsud (offiza, ta’ minn jghid, konsistenti fi ftit hmura *“over lower cervical spine”* – ara c-certifikat mediku a fol. 4 tal-atti), u dan indipendentement mill-fatt jekk lit-tfajla gibidhiex minn ghonqa jew mic-cinga tal-barzakka. Pero` l-appellant xorta wahda kien negligenti, fis-sens li messu qaghad ferm aktar attent, hu u jigbed lit-tfajla, sabiex b’ebda mod ma jaghmlilha lanqas l-icken hsara. Dan ukoll kien dover tieghu bhala ufficjal tal-Club in kwistjoni. Ghalhekk kullma jirrizulta sodisfacentement pruvat f’dan il-kaz huwa r-reat ta’ offiza hafifa <u>involontarja</u> fir-termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li dan huwa kaz verament *de minimis* fejn ufficjal ta' Club, waqt li qieghed jipprova jassolvi d-doveri tieghu f'cirkostanzi xejn facli, momentanjament naqas milli jagixxi bil-prudenza kollha li kienet mistennija minnu. Ghalhekk mhux il-kaz li tigi inflitta xi piena.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' offiza volontarja fuq il-persuna fit-termini tal-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fejn ikkundannatu multa ta' ghoxrin lira, u minflok tiddjara lill-appellant hati biss ta' offiza involontarja hafifa fuq il-persuna fit-termini tal-Artikolu 226(1)(c) ta' l-imsemmi Kodici, u tordna li l-istess appellant jigi liberat minghajr kundizzjoni fit-termini tal-Artikolu 22(1) tal-Att dwar il-*Probation*, Kap. 446.

--------------------------------TMIEM--------------------------------